# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-6 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru : 157/2023 JPG**
**Kawza Nru : 35**

**KP**
**Vs**
**SP**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 22 ta' Marzu 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbgha ta' April tas-sena elfejn u disgha (04.04.2009);*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri data disgha ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (09.08.2023) (vide Dok A anness).*

3. *Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom erbat' itfal;*

4. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut bejn il-partijiet.*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli illi jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom jghixu separatament minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

6. *Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kweziti ghall ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikoli 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma intavolat ebda risposta u ma dehritx. Ghaldaqstant l-intimata hija kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata minn din il-Qorti sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Artikoliu 158 (10 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' April 2009, u minn dan

iz-zwieg twieldu erbat itfal. Sostna illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri nhar id-9 ta’ Frar 2023 izda l-kontendenti ilhom jghixu separatament minn Marzu 2019. Xehed illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' April 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 229/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 17). Minn dan iz-zwieg twieldu erbghat itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri nhar id-9 ta' Frar 2023 (Vide fol 2 et seqq.) Jirrizulta pero' illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament minn Marzu 2019. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-attur afferma illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma jirrizulta ebda eccezzjoni li ghandha titqanqal ex-officio in vista tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 229/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**